MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH AZZOPARDI**

Seduta tat-30 ta' Gunju, 2006

Citazzjoni Numru. 263/2005

**A.**

**-vs-**

**B.**

**Il-Qorti;**

Rat l-att tac-citazzjoni pprezentata fl-1 ta’ Awissu, 2005 li permezz taghha l-attrici premettiet:

Illi l-kontendenti zzewgu fil-21 ta’ Dicembru, 1968 fil-knisja ta’ San Guzepp L-Imsida fejn minn dan iz-zwieg kellhom seba (7) itfal: Dok ‘A’.

Illi l-hajja konjugali ta’ bejn il-kontendenti m’ghadhiex aktar possibbli minhabba adulterju, servizzi, minacci, insulti, eccessi u ingurji gravi da parti tal-konvenut.

Illi di piu’ u apparti mis-suespost, il-konvenut qed jiskonta sentenza ta’ habs talli gie kkundannat li abbuza sesswalment minn uliedu.

Illi l-partijiet gew debitament awtorizzati biex jippresentaw din l-istanza, w dan kif titlob il-ligi stess: Dok ‘B’ u ‘C’.

Ghalhekk jitlob lil din l-Onorabbli Qorti ghaliex m’ghandhiex;

1. Tiddikjara u tippronunzja s-separazzjoni personali bejn il-kontendenti ghar-ragunijiet imputabbli lill-konvenut u ghall-finijiet tal-Artikolu 48(c) tal-Kodici Civili (Kap. 16), tistabilixxi d-data meta l-istess konvenut ghandu jkun kunsidrat li minnha kien hati tal-firda;

2. Tawtorizza lill-attrici tghix separatament mill-konvenut li hu r-ragel taghha;

3. Tikkundanna lill-konvenut sabiex ihallas lill-attrici dik ir-retta alimentarja xierqa w adegwata illi tigi ffissata mill-istess Qorti, skond il-bzonnijiet tal-attrici, pagabbli mill-konvenut lill-istess attrici fil-gimgha jew fix-xahar kif ordnat minn din il-qorti;

4. Tapplika kontra l-konvenut interament jew in parti, id-disposizzjonijiet tal-artikolu 48 tal-Kodici Civili (Kap. 16);

5. Tiddikjara xolta l-kommunjoni ta’ l-akkwisti ezistenti bejn il-kontendenti w tordna li l-istess oggetti formanti parti mill-komunjoni tal-akkwisti jigu maqsuma f’zewg porzjoni komposti kif jigi ordnat u stabbilit minn dina l-Qorti.

6. Tikkundanna lill-konvenut jikkonsenja lill-attrici l-beni kollha parafernali taghha w separatament tordna illi l-attur jigi moghti l-pjena amministrazzjoni tal-beni parafernali taghha;

7. Tiddikjara illi d-dar taz-zwieg tigi okkupata esklussivament mill-attrici bl-eskluzzjoni tal-konvenut, iktar u iktar meta ghad hemm minuri taht il-kura ta’ l-attrici;

8. Tawtorizza lill-attrici sabiex tirregistra ossija tnizzel fir-Registru Pubbliku s-sentenza eventwalment moghtija minn dina l-Qorti;

Bl-ispejjez kollha involuti kontra l-konvenut li minn issa ingunt ghas-subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni ta’ l-attrici mahlufa u l-lista tax-xhieda.

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-konvenut ipprezentata fil-15 ta’ Dicembru, 2005 li permezz taghha eccepiet;

1. Illi in rigward ta’ l-ewwel talba, fil-waqt li l-konvenut m’ghandux jigi dikjarat hati tal-firda matrimonjali, ghandha tkun l-attrici li tigi dikjarata hatja tal-firda minn mal-konvenut, u dan minhabba l-adulterji kommessi minnha tul iz-zwieg.

2. Illi l-attrici qed taghmel it-tieni talba taghha sabiex tkun tista’ tibqa’ tghix mal-konkubin taghha, u se mai hija ghandha ssib residenza alternattiva ghaliha u ghas-sieheb li qed tghix mieghu fil-prezenza ta’ wlieda minuri.

3. Illi l-attrici ddikjarat waqt il-medjazzjoni li dahhlet tghix maghha ragel fid-dar sabiex ikun jista’ jghinha fil-manteniment, u in vista ta’ dan u in vista ta’ dak eccepit

hawn fuq il-konvenut m'ghandux jinzamm obbligat ihallas manteniment lil martu.

4. Illi r-raba' talba m'ghandhiex tintlaqa' stante li s-sanzjonijiet komminati mill-ligi ghandhom jigu applikati kontra l-attrici minhabba l-adulterji taghha.

5. Illi fit-tieni paragrafu tad-dikjarazzjoni guramentata taghha l-attrici halfet falz meta ddikjarat li dakinhar (u cioe' fl-1 ta' Awwissu 2005) il-konvenut kien qieghed jiskonta piena ta' habs, meta hija kienet taf li huwa kien hareg mill-habs u kien spicca jorqod barra biex ma jinqalax inkwiet mas-sieheb ta' martu li qed jghix go daru.

6. Illi l-attrici m'ghamlitx talba ghall-kura u kustodja ta' ulied il-kontendenti X (12-il sena) u Y (17-il sena), u l-konvenut huwa jixtieq li dawn jithallew fil-kura u kustodja tieghu.

7. Illi s-seba' talba m'ghandhiex tintlaqa' stante li mhemmx ragunijiet li jimmeritaw li l-konvenut jithalla jorqod fil-karozza, bhal ma qed jaghmel, minhabba li minfloku l-attrici dahhlet jorqod fid-dar u fil-kamra tas-sodda matrimonjali tal-kontendenti lill-konkubin taghha.

Salvi eccezzjonijiet ulterjuri.

Rat id-dikjarazzjoni tal-konvenut mahlufa u l-lista tax-xhieda.

Rat l-atti processwali.

Semghet ix-xhieda tal-kontendenti u ta' uliedhom.

Rat il-verbal tas-seduta tas-26 ta' Mejju 2006 illi permezz tieghu l-kawza thalliet ghas-sentenza wara li trattaw l-Avukati rispettivi.

Ikkunsidrat;

Illi din hija kawza ta’ separazzjoni fejn l-attrici qed titlob id-dikjarazzjoni ta’ separazzjoni minn ma’ zewgha. Madankollu fil-mori tal-proceduri, din il-Qorti, diversament preseduta ippronunzjat sentenza li permezz taghha z-zwieg bejn il-partijiet gie annullat. Ghalhekk ma hux il-kaz li l-Qorti tippronunzja ruhha fuq it-talbiet kollha attrici, eccetto il-hames u s-seba’ wahda. Ghalkemm il-partijiet kellhom sebat itfal, wahda biss hija minuri izda l-attrici ma ghamlet ebda talba ghall-manteniment ghall-istess minuri.

Fir-rigward tad-dar konjugali l-Qorti ma ssibx diffikulta’ tilqa’ t-talba attrici. Infatti l-konvenut ghadu kemm skonta sentenza iebsa ta’ habs fuq korruzzjoni ta’ minorenni (uliedu stess) u ghalkemm huwa cahad dan meta xehed, il-Qorti ma tistax tinjora sentenza tal-Qorti Kriminali biex temmen lill-konvenut. Ghalhekk hu xieraq li l-attrici tibqa’ tghix fid-dar imsemmija ad eskluzjoni tal-konvenut.

**Ghaldaqstant il-Qorti fil-waqt li tastjeni milli tiehu konjizzjoni tat-talbiet l-ohra attrici, tilqa’ l-hames talba u tiddikjara xolta l-komunjoni tal-akkwsiti u li l-oggetti presentament f’isem il-partijiet huma taghhom personalment, tilqa’ s-sebgha talba u tiddikjara li dik li kienet id-dar taz-zwieg tigi abitat esklussivament mill-attrici.**

**L-ispejjes ikunu bla taxxa.**

**Moqrija.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------